**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR51/VIII/2024**

**Il-Ħamis, 11 ta' Jannar, 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 11 ta' Jannar 2024, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**51.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**51.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

51.2.1 Ma kienx hemm ittir t'apoloġija.

**51.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

51.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 50 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

51.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

51.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**51.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li :-

51.4.1 nħarġet is-sejħa għal offerta għas-servizz tat-tindif tat-toroq. Din tagħlaq nhar il-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 2024. Il-membri qablu li fil-bord ta' evalwazzjoni għandu jkun hemm l-Enġinier Mario Cauchi, l-Avukat Larry Formosa u l-*Accountant* Daniel Galea bħala evalwaturi, William Sultana *Chairman* u s-Segretarju Eżekuttiv tkun is-segretarja tal-bord;

51.4.2 daħlu €4,547.50 mill-fond eko-Għawdex li jkopri l-iskema tar-restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar;

51.4.3 l-fergħa tas-siġra tal-ficus li kienet perikoluża għall-bini fi Triq Kerċem, inżabbret minn naħa tat-Taqsima tal-Agrikultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex

**51.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

51.1.1 Il-membru Buttigieg staqsa rigward is-*cement* li sar fil-gandott tal-mogħdija tal-ilma fi Pjazza Indipendenza minn xi ħwienet, is-Sindku ser jitkellem ma' dawn is-sidien sabiex inkunu nafu eżatt għaliex dan sar.

---

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-laqgħa.

---

Tressqet korrispondenza mingħand:-

51.5.2 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali:-

i) Ċirkulari 22/2023 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2024 ser tkun €743,472.00. Fil-laqgħa li jmiss jitressaq il-baġit għall-approvazzjoni;

ii) SPI/SCI/06/2023 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2024 -2025 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita';

51.5.3 Reġjun Għawdex:-

i) fejn intbgħatet kopja tal-ittra uffiċċjali ta' l-oġġezzjoni fuq PA/00570/21 – Ġgantija Heights, Triq Parisott, Xagħra;

ii) fejn intalbu uffiċjalment €50,000.00 mill-Kunsill Lokali sabiex tinħoloq fondazzjoni biex tħejji l-*Bid Book* għall-applikazzjoni tal-European City of Culture (ECOC) 2031. Il-membri ġew mgħarrfa li Reġjun Għawdex ser joħroġ il-parti tiegħu li tammonta għall-istess ammont tal-Kunsill u ....ser jiffinanzja €100,000 għal dan il-Bid Book;

iii) dwar l-iskema SPI/SCI/4/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati, il-Kunsill ġie mgħarraf li Reġjun Għawdex kiteb lill-Ministru konċernat sabiex jintervjeni biex jiġu evitati l-ispejjeż li hemm biex jitpoġġew metres tad-dawl mal-kameras;

iv) fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fin-Nouveau Aquitaine Festival – European Youth Orchestra 2024, intgħażlet żgħażugħa mir-Rabat. Intalab sabiex il-Kunsill iħallas parti mit-titjira ta' din il-mużiċista. L-ispejjeż huma ta' €210. Il-membri qablu;

v) rigward il-*Youth Nomination Request* għall-proġett iffinanzjat mill-unjoni Ewropea;

51.5.4 Gozo Regional Development Authority li ppublikat il-'GRDA Feedback Statement – Vision for Victoria Urban Upgrading';

51.5.5 resident f''The Duke' fejn ilmenta li fi Triq l-10 ta' Ġunju 1887 jkun hemm diversi vetturi jħottu għas-supermarket 'Greens'. Il-Kunsill ser javża l-awtoritajiet kompetenti li għandhom f'idejhom l-infurzar;

51.5.6 il-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li 50% tal-Kunsilli f'Malta u Għawdex approvaw l-inizjattiva li n-naħla Maltija titqies bħal insett nazzjonali.

51.5.7 sid il-ħanut 'O'Hair' li jinsab fi Triq it-Tabib Anton Tabone li hi arterja, kantuniera ma Triq Karolina Cauchi. Fi Triq it-Tabib Anton Tabone hemm ħafna ħsara u meta tagħmel ix-xita jinġema l-ilma quddiem dan il-ħanut u joħloq inkonvenjenza għal kull min ikun għaddej. Sid il-ħanut qed titlob li jitkompla l-ilqugħ li kien sar snin ilu. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta;

51.5.8 Mro Antoine Mericeca fejn bagħat id-dettalji ta' x'servizzi joffri.

**51.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

51.6.1 *double yellow line* quddiem 8 fi Triq Santa Marija;

51.6.2 *one metre yellow line* biswit garaxx li jinsab maġenb il-garaxx tal-'Victoria Scout Group' fi Triq Santa Dminka;

51.6.3 tlett *bollards* biex isiru fuq il-bankina ta' quddiem il-knisja ta' Savina;

51.6.4 tabelli tal-*one way* faċċata tal-garaxx 'MarMar' fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex.

51.6.5 Dwar il-konsultazzjoni li saret mar-residenti sabiex Trejqet l-Exchange u Triq Sir Luigi Camilleri isiru *one way*, il-membri raw ir-risposti li daħlu. Il-maġġoranza tar-residenti jaqblu li dawn it-toroq jiġu *one way*. TM għandha tiġi nfurmata f'dan sabiex jinħareġ il-permess.

***51.7 'New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.' LCF/16/2020 – update***

51.7.1 Wara li tneħħa d-*diffuser* tal-fanal li hemm fejn San Ġorġ tal-Ħaġar, ittieħdu r-ritratti u ntbagħtu lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex dawn jiddeċiedu jekk il-bqija tal-fanali għandhomx isiru hekk biex finalment dan il-każ jiġi konkluż u jinġabru l-fondi. L-Awtorita' tal-Ippjanar bagħatet ir-risposta tagħha. Permezz ta' email datata........ġie aċċettat li l-bqija tal-fanali li

jidħlu f'din il-iskema, jsirilhom l-intervent li sar fuq dak ta' ta' fejn San Ġorġ tal-Ħaġar, jiġu ċertifikati u finalment joħroġ il-pagament. Il-kuntrattur għandu jiġi mgħarraf b'dan.

**51.8 Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-membri qablu li din il-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 2024 fis-18:00.

**51.9 Żjara f'Nichelino – *Nurseries* tal-futbol tar-Rabat**

51.9.1 Il-membri ġew mgħarrfa li t-*tournament* tal-futbol U11 ġewwa Nichelino ser isir f'April, fil-vaganzi tal-Għid. Dan peress li nstabu prezzijiet raġonevoli għal dawn il-ġranet.

51.9.2 Kien hemm ukoll diskussjonijiet fir-rigward tal-akkomodazzjoni u l-membri qablu li l-Kunsill iħallas id-depożitu tal-akkomodazzjoni tal-membri tal-Kunsill li ser jgħinu f'dan it-*tournamen*t, akkomodazzjoni ta' erba' kowċis u ta' Paul Galea li jieħu ħsieb il-kuntatti u l-loġistika. Dan id-depożitu jrid jitħallas sa nofs Jannar 2024. In-*nurseries* diġà ħallsu l-parti tagħhom.

51.9.3 Il-membri ġew mgħarrfa li minn naħa tal-S.K. Victoria Wanderers ser jipparteċipaw 11 'il tifel u minn naħa tal-Oratory Youths F.C. ser jipparteċipaw 9.

51.9.4 Minn naħa tal-Kunsill il-membri qablu li jattendu is-Sindku u l-Viċi Sindku li qed jieħdu ħsieb dan it-*tournament* flimkien ma Paul Galea.

51.9.5 Il-membri qablu li jattendi membru tal-Kunsill ieħor u li dan għandu jitla' bix-xorti bejn dawk interessati. Il-membri Buttigieg u Tabone wrew l-interess u l-membru Tabone tela' bix-xorti biex jattendi mas-Sindku u l-Viċi Sindku.

**51.10 *Electric Pedal Cycles***

51.10.1 L-applikazzjoni għall-kiri tal-*electric pedal cycles* għalqet fit-22 ta' Diċembru, 2023. Kien hemm erba' applikazzjonijiet. Il-Kunsill għandu jara dawn humiex eliġibbli biex wara jibdew jinkrew.

**51.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

51.11.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Jannar 2024, skont Dokument A anness.

**51.12 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

51.12.1 jiġi rrappurtat lill-Awtoritajiet li jieħdu ħsieb l-infurzar:-

i) il-parkeġġ li jsir fuq is-sinjal l-isfar fi Triq l-Ewropa faċċata ta' Triq Karlu Galea u
ii) vettura li ilha żmien twil ipparkjata fi Triq Santa Martha fi *drive in* u tostakola l-bankina;

51.12.2 jinxtraw b'€100 tokens biex jitqassmu waqt it-tberik tal-annimali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Bosco;

51.12.3 Jiġi organizzat kunċert ta' żmien ir-Randan nhar is-Sibt 9 ta' Marzu, 2024 fil-Knisja ta'Santu Wistin. Dan bl-għajuna tal-Fondazzjoni Sant Ċeċilja. M'għandhiex tinqabeż is-somma ta' €300 f'loġistika;

**51.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

51.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv